MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MALLIA MICHAEL LL.D.

Seduta ta' 28 ta' Ottubru, 2002

Avviz Numru. 521/2002

**George u Marlene konjugi Mifsud Chircop**

**vs**

**One Productions Limited**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba ta’ l-atturi ghall-kundanna tas-socjeta’ konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ elf, disa’ mija u sitta u sittin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1,966.50) bilanc minn somma akbar, rapprezentanti servizz rez mill-attur konsistenti f’diversi programmi televisivi fuq Super One Television, proprjeta’ tal-istess socjeta’ konvenuta.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-atturi li permezz taghha cedew is-sorte stante pagament fil-mori tal-kawza, pero’ zammew ferm il-kap ta’ l-ispejjez.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet ta' l-atturi sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socejta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fit-22 ta' Ottubru, 2002, meta gewipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici limitatament ghall-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

Anthony Zammit
Dep Reg.